



Brussell, 26 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13319/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0265(COD)

CODEC 1726
FSTR 66
REGIO 95
FC 60
SOC 633
PECHE 409
CADREFIN 276
POLGEN 186
AGRISTR 78
PE 134

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, mit-22 sal-25 ta' Ottubru 2018)

I. INTRODUZZJONI

Ir-relatriċi Iskra MIHAYLOVA (ALDE, BG), ippreżentat rapport f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bl-għan li tiġi inkorporata l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi.

II. VOT

Fl-10 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P8_TA-PROV(2018)0398

Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u r-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ***I****

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi** (COM(2018)0498 – C8-0307/2018 – 2018/0265(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0498),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0307/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0282/2018),
- A. billi għal raġunijiet ta' urġenza huwa ġustifikat li jipproċedi għall-votazzjoni qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tmien ġimgħat stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsulta l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsulta l-Komitat tar-Reġjuni,

Waq t li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ emenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013, inter alia, fir-rigward tar-riżorsi allokatu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.
- (3) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018⁴ emenda l-programmazzjoni finanzjarja għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ ('YEI') billi żied l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokkazzjoni speċifika għall-YEI b'ammont ta' EUR 116,7 miljun fi prezzijiet attwali u l-ammont globali ta' appropriazzjonijiet ta' impenn għall-YEI fl-2018 għal EUR 350 miljun fi prezzijiet attwali.

² Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320).

³ Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1).

⁴ ĠU L 57, 28.2.2018.

- (4) Jenħtieġ li jiġi aġġustat 'l isfel l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2020 biex jirrifletti l-forniment minn qabel għall-2018. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Meta l-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2305, ċerta *data* finanzjarja mniżżla fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/2305 kienet żbaljata. Dik id-*data* finanzjarja jenħtieġ li tinbidel bid-*data* korretta. Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.
- (6) Minħabba l-urġenza li l-programmi li jappoġġaw il-YEI jiġu emendati, huwa xieraq li tiġi pprovduta eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (7) Minħabba l-urġenza li l-programmi li jappoġġaw il-YEI jiġu emendati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 91, il-paragrafu 1 hu ssostitwit b'dan li ġej:

‘1. Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu ta' EUR 329 982 345 366 fi prezzijiet tal-2011, f'konformità mad-diżaggregazzjoni annwali stabbilita fl-Anness VI, li minnhom EUR 325 938 694 233 jirrappreżentaw ir-riżorsi globali allokatil lill-FERŻ, lill-FSE u lill-Fond ta' Koeżjoni u EUR 4 043 651 133 jirrappreżentaw allokkazzjoni speċifika għall-YEI. Għall-finijiet ta' programmazzjoni u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, l-ammont tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandu jkun indiċizzat għal 2 % kull sena.’;

(2) l-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 hu ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għall-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjegi għandhom jammontaw għal 96,09 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 317 073 545 392) u għandhom jiġu allokati kif ġej:

(a) 51,52 % (jiġifieri, total ta' EUR 163 359 380 738) għar-reġjuni anqas żviluppati;

- (b) 10,82 % (jiġifieri, total ta' EUR 34 319 221 039) għar-reġjuni fi tranżizzjoni;
- (c) 16,33 % (jiġifieri, total ta' EUR 51 773 321 432) għar-reġjuni aktar żviluppati;
- (d) 20,89 % (jiġifieri, total ta' EUR 66 236 030 665) għall-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni;
- (e) 0,44 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 385 591 518) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u għar-reġjuni tan-NUTS livell 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.';

(b) il-paragrafu 5 hu ssostitwit b'dan li ġej:

‘5. Ir-riżorsi għall-YEI għandhom jammontaw għal EUR 4 043 651 133 mill-allokazzjoni speċifika għall-YEI u mill-inqas EUR 4 043 651 133 mill-investiment immirat tal-FSE.’;

(3) l-Anness VI hu ssostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS

"ANNESS VI

TQASSIM ANNWALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN GĦAS-SNIN 2014 SAL-2020

Profil annwali aġġustat (inkluża ż-żieda għall-YEI)

	2014	2015	2016	2017
EUR, prezzijiet tal-2011	34 108 069 924	55 725 174 682	46 044 910 736	48 027 317 164

	2018	2019	2020	Total
EUR, prezzijiet tal-2011	48 341 984 652	48 712 359 314	49 022 528 894	329 982 345 366
